MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Rikors Numru. 2/2011

**Paul Bonnici (Karta tal-Identita' numru 526838M)**

**vs**

**Eunice Kalagbo**

Il-Bord;

Ra r-rikors guramentat :

Illi r-rikorrent jikri lill-intimata l-"furnished flat" internament bin-numru erbgha (4) li qieghed f'Cardona Flats, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar ta' tlett mija u tletin Euro (€130) fis-sena pagabbli kull xahar bil-quddiem fl-ewwel jum tax-xahar, u bil-patt li l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma kif ukoll tal-meters jithallsu mill-intimata, liema kirja saret orignarjament permezz ta' skrittura privata datata l-ewwel (1) t'April tas-sena elfejn u tmienja (2008) (Dokument "A") – liema kirja giet mgedda minn sena ghal sena;

Illi ghalkemm interpellata sabiex thallas il-kera tal-iskadenzi ta' April, Mejju, Gunju, Lulju, Awissu, Settembru, Ottubru. Novembru u Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010), u ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011) kif kienet obbligat ruhha li tghamel a tenur tal-precitata skrittura privata datata l-ewwel (1) t'April tas-sena elfejn u tmienja (2008) (Dokument "A"), u dana fl-ammont komplessiv ta' elf u tlett mitt Euro (€1300), l-intimata baqghet ghal kollox inadempjenti;

Illi ghalkemm mitluba wkoll thallas l-bilanc dovut minnha fir-rigward tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma rigwardanti l-imsemmi fond kif ukoll obbligat rihha li taghmel a tenur tal-precitata skrittura privata datata l-ewwel (1) t'April tas-sena elfejn u tmienja (2008) (Dokument "A"), liema bilanc dovut huwa dak komplessiv ta' hames mija u tlieta u sittin Euro u tlieta u tletin cent (€563.33), l-intiamta baqghet ukoll ghal kollox inadempjenti u ghalhekk l-esponent kellu jhallas dawn il-kontijiet huwa stess;

Illi l-intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet validi x'taghti ghat-talbiet rikorrenti u ghalhekk huwa l-kaz illi l-kawza odjerna tigi deciza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u a tenur tal-artikolu 16A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant tghid l-intimata ghaliex m'ghandux dan il-Bord, bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u a tenur tal-artikolu 16A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta):

1. Jikkundanna lill-intimata tizgombra fi zmien qasir u perentorju li joghgbu jimponi dana l-istess Bord mill-"furnished flat" internatament bin-numru erbgha (4) li qieghed f'Cardona Flats, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar;

2. Jikkundanna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrent is-somma komplessiva ta' elf tmien mija u wiehed u disghin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€1,891.52), kwantu ghas-somma ta' elf tlett mitt Euro (€1300) rapprezentanti arretrati ta' kera dovuti sal-lum fir-rigwarad tal-"furnished flat" mikri lill-intimata internament bin-numru erbgha (4) li qieghed f'Cardona Flats Triq it-Turisti San Pawl il-Bahar u kwantu ghas-somma ta' hames mija u tlieta u sittin Euro u tlieta u tletin centezmu (€563.33) rapprezentanti l-bilanc dovut mill-intimata ghall-konsum ta' dawl u ilma fl-istess "furnished flats" u l-kera tal-meters relattivi dovuti sal-lum fir-rigward tal-istess "furnished flat".

Bl-ispejjes kontra l-intimata, minn issa ingunta in subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lir-rikorrent, senjatament dik ta' danni;

Semghet l-ammissjoni tal-intimata kif registrata fil-verbal tas-seduta tal-lum;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, r-rikors jimmerita li jkun milqugh;

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimata tizgombra fi zmien qasir u perentorju mill-"furnished flat" internatament bin-numru erbgha (4) li qieghed f'Cardona Flats, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar fi zmien tlett (3) xhur mil-lum. Jordna ukoll lill-intimata thallas lir-rikorrent is-somma komplessiva ta' elf tmien mija u wiehed u disghin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€1,891.52).

Bl-ispejjez kontra l-itnimata

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------